**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 408/2023 MS*

**Anthony Zarb, Rita Zarb, Mary Saliba u Salvatore Zarb,**
**aħwa eredi tal-mejjet Michael Zarb**

**Vs.**

**CEO tal-Awtorità tal-Artijiet**
**u**
**Dott. Aaron Farrugia fil-kwalità tiegħu ta' Ministru għat-Transport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali,**
**u**
**L-Avukat tal-Istat għal kull interess li jista' jkollu**
**Doris Mizzi**

Illum, 2 ta' Diċembru, 2024

Kawża Numru: 3K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fl-10 t'Awwissu 2023, li permezz tiegħu wara li huma ippremettew dan li ġej:

> Illi r-rikorrenti huma sidien ta' bicca art formanti parti mill-ghalqa msejha "tal-Laqx" b' faccata fuq Main Street, il-Gharghur konfinanti mill-Lvant ma' Main Street, mill-punent ma' porzjoni art ta' Mary Zarb jew is-successuri fit-titolu taghha u minn nofsinnhar ma beni ta' Helen Dimech jew successuri fit-titolu taghha sabiex isir triq pubblika li llum ghandha l-isem ta' Triq Fra Duminku Mifsud gewwa l-Gharghur kif jidher fis-site plan hawn annessa u mmarkata "Dokument A";
>
> Illi r-rikorrenti kienu wirtu din l-art minghand missierhom il-mejjet Michael Zarb, in kwantu ghal nofsha b' titolu ta' divizjoni u u n-nofs l-iehor b' titolu ta' donazzjoni in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri tal-ewwel ta' (1) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (1975) u dan kif jirrizulta mill-provenjenza ta' kuntratt ta' divizjoni bejn ir-rikorrenti datat tmienja (8) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) pubblikat fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri anness u mmarkat Dokument B;
>
> Illi r-rikorrenti qatt ma gew kompensati mill-Gvern ta' Malta ghal art propjeta' taghhom li giet mehuda mill-Gvern u li llum tifforma parti minn triq pubblika asfaltata u cioe' Triq Fra Duminku Mifsud gewwa l-Gharghur u dan bi ksur tad-drittijiet taghhom ghall- propjeta;
>
> Illi l-esponenti qed isofru ukoll diskriminazzjoni għaliex sidien ohra ta' propjetajiet adgjacenti li taghhom giet espropjata l-art ghal istess skop inghataw kumpens mill-Gvern ta' Malta multo magis tenut kont li tali tehid ta' art saret a beneficcju ta' tali sidien ohra u mhux tar-rikorrenti.
>
> Illi minkejja li r-rikorrent Anthony Zarb kien ipprezenta protest gudizzjarju numru 384/2022 il-propjetarji ma inghataw ebda' rimedju skont il-ligi u ghalhekk kellha ssir din il-kawza (Dokument C);
>
> Illi r-rikorrent qegħdin jinkisrulhom d-drittijiet fundamentali taghhom

issoktaw billi talbu lil din il-Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara li t-tehid tal-art mill-Gvern ghal skop pubbliku tal-bicca art formanti parti mill-ghalqa msejha "tal-Laqx" b' faccata fuq Main Street, il-Gharghur konfinanti mill-Lvant ma' Main Street, mill-punent ma' porzjoni art ta' Mary Zarb jew is- successuri fit-titolu taghha u minn nofsinnhar ma beni ta' Helen Dimech jew successuri fit-titolu taghha minghajr kumpens xieraq taw lok għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-ewwel artiklu tal-Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

ii. Tiddikjara li r-rikorrenti sofrew ksur tad-drittijiet tal-bniedem u sofrew diskriminazzjoni ai termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ai termini tal-artikolu 1 tal Tnax il-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

iii. Tistabilixxi l-prezz tal-art skont il-valur tas-suq tal-lum u tordna lill-Awtorita' sabiex thallas il-prezz hekk stabilit lir-rikorrenti;

iv. Tikkundanna lill-Awtorita' tal-Artijiet tħallas l-interessi fuq il-prezz stabbilit minn bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data ta' meta l-art ġiet okkupata sad-data ta' ħlas effettiv tal-prezz.

v. Tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji patiti in vista ta' tali ksur u tordna lill- intimat Avukat tal-Istat sabiex iħallas tali kumpens lill-esponenti bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors;

Bl-ispejjeż legali, inkluz dak tal-protest gudizzjarju 384/2022 bl-intimati inġunti minn issa in subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni legali ulterjuri fil-liġi.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-Awtorità tal-Artijiet fil-5 ta' Settembru 2023[1], li permezz tagħha ġie eċċepit kif ġej:

   1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jridu jgibu prova ta' titolu taghhom fuq l-art in kwistjoni.

   2. Illi in linea preliminari, ma jirrizultax li l-Awtorita tal-Artijiet qatt rciviet xi talba ghall-esproprju jew b'xi mod okkupat jew hadet pussess tal-art in kwistjoni ghaldaqstant l-Awtorita esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur.

[1] Fol.22.

3. Illi in linea preliminari wkoll u dejjem minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta li jindirizza sitwazzjoni identika bhal dik tar-rikorrenti. Permezz ta' dan ir-rimedju, r-rikorrenti mhux biss setghu jitolbu li tigi akkwistata l-art (f'kaz li jirrizulta li l-Bord jkun sodisfatt li l-art hija mehtiega ghal skop pubbliku), izda ukoll setghu jaghmlu talba ghal likwidazzjoni ta' danni materjali u danni morali minhabba dewmien. Din il-kawza hija ammissjoni li tali rimedju ma giex uzat qabel ma gew intavolati l-proceduri kostituzzjonali odjerni.

4. Illi in segwitu jigi eccepit li l-azzjoni suriferita ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kapitolu 573, illum hija preskritta u kienu r-rikorrenti li naqsu li jiehdu azzjoni fiz-zmien mitlub mil-ligi. Ghaldaqstant ma ghandux persuna wara li jonqos huwa stess milli jottempra ruhu ma' dak ordnat bil-ligi, jinghata opportunita ta' rimedju kostituzzjonali meta huwa kellu rimedju ordinarju, effettiv u adewgwat li naqas milli jezegwixxi.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ghemil tal-Awtorita ma jikser jew jilledi xi dritt fundamentali tar-rikorrenti. L-esponenti ssostni li ma hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fondamentali kif sanciti mill-Artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 1 ta' tnax il-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

6. Illi in oltre u dejjem minghajr pregudizzju, l-Awtorita esponenti ma tagixxi *ex officio* jew *sua sponte* u qabel tesproprja art irid ikollha talba minn entita jew dipartiment governattiv li fil-kaz in ezami jirrizulta li qatt ma saret tali talba. In kwantu ma saret l-ebda talba f'dan is-sens rigwardanti l-art li saret refenza ghaliha fir-rikors promotur, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma f'dan l-istadju insostenibbli kontra l-esponenti.

7. Illi jigi eccepit ukoll li l-Gvern ma jesproprjax artijiet li fuqhom inbnew toroq li saru skont l-obbligi mposti fuq min jibni, bil-provvedimenti ta' regolament 16 tar-Regolamenti dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq tal-legislazzjoni Sussidjarja 499.57.

8. Illi minghajr pregudizzju, lanqas ma jista' jinghad li hemm xi forma ta' diskriminazzjoni stante li hekk kif ser jigi muri

fil-mori tal-kawza, c-cirkostanzi tal-proprjeta adjacenti li ghalihom saret referenza fir-rikors promotur huma differenti mic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni.

9. Illi in oltre fil-konfront ta' talba tar-rikorrenti sabiex jigi stabbilit prezz tal-art skont il-valur tas-suq tal-llum, jigi sottommess li la l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma jikkoncedu xi dritt lis-sid tal-proprjeta li jaghmel profit.

10. Illi dejjem minghajr pregudizzju, *dato ma non concesso* li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fic-cirkosanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

3. Rat ir-risposta tal-intimat Dott. Aaron Farrugia fil-kwalità tiegħu ta' Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u tal-intimat Avukat tal-Istat, minnhom preżentata fid-19 ta' Settembru 2023[2], li bis-saħħa tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jridu jġibu prova ċara tat-titolu tagħhom fuq l-art mertu tal-każ odjern;

2. Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju, *dato ma non concesso* li kien hemm esproprju kif qed jiġi allegat mir-rikorrenti, jidher li r-rikorrenti m'għamlux użu mir-rimedju ordinarju li kellhom a disposizzjoni tagħhom u dan ai termini tal-artikolu 67 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex <u>tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha</u> u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;

3. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, minn qari tar-rikors promotur jidher li la Dott. Aaron Farrugia fil-kwalità tiegħu ta' Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u lanqas l-Avukat tal-Istat ma huma l-leġittimi kontradittturi għaliex ma kellhom l-ebda involviment fil-każ odjern kif ser jiġi muri aħjar f'dawn il-proċeduri;

[2] Fol.26.

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, fil-mertu, it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li jemanu mill-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u mill-Ewwel Artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma ġewx mittiefsa u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

5. Illi minkejja li r-rikors promotur huwa nieqes mid-dettalji, jidher li l-art li qed jilmentaw dwarha r-rikorrenti ġiet użata biex issir triq. Minn qari tar-risposta tal-Awtorità intimata jirriżulta li l-Awtorita' ma rċeviet l-ebda talba minn xi awtorita' jew entita' governattiva għal esproprju u fil-fatt esproprju ma kienx hemm. Barra minn hekk, peress li hawn qed nitkellmu fuq art li llum hija triq, tajjeb jiġi rilevat li l-Gvern ma jesproprjax artijiet li fuqhom inbnew toroq li saru skont l-obbligi imposti fuq min jibni, liema obbligu jirriżulta mir-regolament 16 tar-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq (L.S. 499.57);

6. Illi b'rabta ma' dan, il-fatt li ma kienx hemm esproprju jfisser li ma kienx hemm teħid forzuż, li l-proprjeta' għadha tappartjeni lis-sidien u allura li l-ebda kumpens ma huwa dovut. It-talbiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward għandhom ukoll jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi l-esponenti jirrilevaw li skont il-*proviso* tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u anki skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Barra minn hekk, la l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol ma jikkonċedu ebda dritt li xi ħadd jirċievi profitt;

8. Illi f'dan il-kuntest, l-esponenti jirreferu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-30 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet: Saviour sive Salvu Schembri et vs. Awtorita` tal-Artijiet u Awtorita` għat-Trasport f'Malta;

9. Illi ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni u dan għaliex ma hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Sabiex ir-rikorrenti jistgħu jallegaw li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom, iridu jippruvaw *inter alia*, li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'like with like' u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

    Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

4. Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2023[3], din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li qabel xejn kellhom jiġu trattati u deċiżi t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata u t-tieni eċċezzjoni tal-Ministru intimat u tal-Avukat tal-Istat;

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Ikkunsidrat:

8. Illi din is-sentenza hija limitata għat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata u t-tieni eċċezzjoni tal-Ministru intimat u tal-Avukat tal-Istat. Fil-qosor, dawn l-eċċezzjonijiet iridu li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha, peress illi r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju għad-dispożizzjoni tagħhom.

9. Il-fatti tal-każ, sa fejn huma rilevanti għal din id-deċiżjoni, jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

10. Ir-rikorrenti huma aħwa. Huma wirtu mingħand missierhom biċċa art imsejħa "Tal-Laqx" fil-Għargħur. Ir-rikorrenti jgħidu li b'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri tat-8 t'April 1987, huma qasmu parti minn din l-art (flimkien ma' ġid ieħor li kien imisshom mill-istess wirt) iżda ħallew f'komunjoni bejniethom il-parti mill-istess

[3] Fol.29.

art li kienet maħsuba għall-formazzjoni tat-triq[4]. Ir-rikorrent Anthony Zarb bena l-proprjetà residenzjali tiegħu, u wara li għaddew xi snin, beda jisma' mingħand il-ġirien tiegħu li kienu rċievew kumpens għat-teħid ta' parti mill-proprjetà tagħhom sabiex saret it-triq. Kien għalhekk li Anthony Zarb beda jżur l-uffiċini tad-Dipartiment tal-Artijiet (u snin wara tal-Awtorità intimata) sabiex jistaqsi għall-kumpens fuq din il-biċċa art stradali. Minkejja l-isforzi tiegħu, il-kumpens baqa' ma tħallasx u Zarb fetaħ anki każ mal-Ombudsman, li però wieġbu li t-triq kienet infetħet minn Zarb stess, liema konklużjoni ġiet meruta mir-rikorrenti. Ir-rikorrent Anthony Zarb jgħid li l-art in kwistjoni ttieħdet biex jiġu akkomodati terzi, għaliex huwa kellu aċċess għall-proprjetà tiegħu u ma kienx jeħtieġ triq ġdida għal dak l-iskop[5]. Min-naħa l-oħra, l-Awtorità tal-Artijiet tgħid li l-ebda entità pubblika ma talbet li jsir esproprju fir-rigward tal-art in kwistjoni, u fil-fatt *file* dwar dan il-każ infetaħ biss b'konsegwenza ta' xi ittri mibgħuta mir-rikorrenti u għal ebda raġuni oħra[6].

11. Mhux kontestat li r-rikorrenti ma ressqu ebda proċedura quddiem il-Bord għall-Arbitraġġ dwar Artijiet b'rabta mal-proprjetà meritu tal-kawża[7].

12. L-eċċezzjoni tal-intimati fis-sens li kien hemm rimedji ordinarji miftuħa għar-rikorrenti hija bażata fuq l-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), li jipprovdi:

> Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi ordinarja oħra.

[4] Ara x-xiehda bl-affidavit tar-rikorrent Anthony Zarb, a fol.34.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit tar-rikorrent Anthony Zarb, a fol.36.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Dr Marisa Grech, a fol.53.
[7] Ara d-dikjarazzjoni magħmula mid-difensur tar-rikorrenti, a fol.49.

kif ukoll fuq l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Din id-diżposizzjoni testwalment tipprovdi li:

> Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.

13. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, li huma identiċi fis-sostanza tagħhom, jagħtu l-fakultà lill-Qorti ma tieħux konjizzjoni ta' lmenti dwar ksur ta' jeddijiet fondamentali li jiġu mressqin lilha, fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal dawk il-lanjanzi huma jew kienu disponibbli taħt xi liġi ordinarja. Il-prinċipji ewlenin li jsawwru din il-materja ġew approfonditi fid-deċiżjoni ***Dr Mario Vella vs. Joseph Bannister noe*** (Qorti Kostituzzjonali, 7 ta' Marzu 1994)[8], fejn wara rassenja ta' ġurisprudenza, dik il-Qorti enunċjat is-segwenti prinċipji:

> (a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m'humiex disponibbli;
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalità jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalità ta' l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;
>
> (ċ) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;

[8] Kollezz. Vol.LXXVIII.i.48.

> (d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkunsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dan il-possibbli rimedju ma kienx però se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;
>
> (e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk però dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;
>
> (f) Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.

14. Fid-deċiżjoni ***Mediterranean Film Studios Limited vs. Il-Korporazzjoni għall-Izvilupp ta' Malta***, mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003, ġie mtenni li:

> Id-diskrezzjoni taħt iż-żewġ proviso in kwistjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex min-naħa l-waħda il-Prim Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jiġux inundati b'kawżi li jistgħu jiġu determinati minn Qrati oħra u/jew bi proċeduri oħra, u min-naħa l-oħra ċ-ċittadin (jew persuna ġuridika, skond il-każ) ma jiġix ipprivat mir-rimedji li hu għandu dritt għalihom taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap. 319. Il-leġislatur kostituzzjonali kkonferixxa lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) (u lil ebda persuna jew awtorita` oħra) diskrezzjoni wiesgħa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja biex minn banda 'l waħda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bżonn anke ħesrem, lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali u mill-banda l-oħra tkun tista' timpedixxi li jiġu kreati ostakoli bla bżonn fit-triq ta' min ikun jidher li ġenwinament ikun qiegħed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeċi u ċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-każ għandhom jiġu eżaminati għaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeċiedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha.

15. Sabiex jingħad li kien hemm rimedju ordinarju disponibbli, dan ir-rimedju, «... *jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat*

*biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi»* (***Peter Paul Muscat vs. Mario Muscat pro et noe et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 26 ta' Marzu 2009). Mhux neċessarju li jintwera li dak ir-rimedju ordinarju kien jiggarantixxi s-suċċess (ara ***Olena Tretyak vs. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Jannar 2006).

16. L-intimati jgħidu li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju taħt l-artikolu 67 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern[9], li jgħid hekk:

> 67. (1) Meta art li fuqha ma tkun inħarġet l-ebda dikjarazzjoni, tkun okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti, kull min juri għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Arbitraġġ li huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art jista' jitlob li dik l-art tiġi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorità jew inkella biex dik l-art tiġi mrodda lura ħielsa u franka minn kull okkupazzjoni.
> (2) Din l-azzjoni għandha ssir permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Bord tal-Arbitraġġ li għandu jiġi indirizzat kontra l-awtorità li jkollha jedd ta' għoxrin jum biex twieġeb minn mindu tiġi notifikata bir-rikors.
> (3) L-awtorità fit-tweġiba tagħha għandha tindika jekk il-Gvern iridx jikseb l-art b'xiri assolut jew inkella trodd lura l-art lis-sid.
> (4) Jekk l-awtorità tindika fit-tweġiba tagħha li trid jikseb l-art b'xiri assolut hija għandha turi għas-sodisfazzjon tal-Bord li dik l-art hija meħtieġa għal skopijiet pubbliċi.
> (5) F'każ li l-Bord tal-Arbitraġġ ikun sodisfatt li l-art hija tassew meħtieġa għal skopijiet pubbliċi huwa għandu jagħti żmien lis-sid u lill-awtorità biex jiddikjaraw kemm għandu jkun il-kumpens li għandu jitħallas għat-trasferiment tal-art.
> (6) Jekk il-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar il-kumpens li għandu jitħallas għal dik l-art, allura għandu jkun il-Bord tal-Arbitraġġ li jiffissa l-kumpens xieraq għat-trasferiment ta' dik l-art, b'dana li l-kumpens m'għandux ikun ogħla minn dak indikat mis-sid jew inqas minn dak indikat mill-awtorità.
> (7) Il-valur tal-art għandu jittieħed li hu l-ammont illi l-art tista' ġġib kieku tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament u għandu jinħadem fuq il-valur li jkollha l-art ta' meta ġie mressaq ir-rikors skont dan l-artikolu.

[9] Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta.

> (8) Flimkien mat-talba għax-xiri jew radd lura tal-art, tista' ssir ukoll talba biex il-Bord tal-Arbitraġġ jillikwida u jordna lill-awtorità tħallas id-danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet qed tiġi okkupata mingħajr ma nħarġet id-dikjarazzjoni.
> (9) Kull persuna titlef il-jedd ta' azzjoni skont dan l-artikolu jekk hija tonqos milli tipproċedi fi żmien ħames snin minn meta jidħol fis-seħħ dan l-Att. Dan il-perjodu huwa perentorju u ma jistax jiġġedded.

17. L-artikolu 67 tal-Att preċitat effettivament jagħti dritt t'azzjoni lis-sidien ta' art okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti sabiex jiksbu r-rilaxx tal-proprjetà fejn ma jkun hemm ebda skop pubbliku wara ż-żamma tagħha, jew inkella sabiex jiksbu kumpens jekk jirriżulta li dik l-art hija meħtieġa għal skop pubbliku. Kumpens li jinkludi kemm il-valur tal-art kif ukoll danni morali. L-introduzzjoni ta' dan id-dritt t'azzjoni permezz tal-Att XVII tal-2017 indirizza bosta sitwazzjonijiet fejn sidien ta' proprjetajiet li ma kienux formalment esproprjati setgħu jaġixxu kontra l-awtorità pubblika għat-tutela tal-jeddijiet tagħhom quddiem bord speċjali li ngħata l-kompetenza partikolari sabiex jisma' u jiddeċiedi kwistjonijiet ta' din ix-xorta.

18. Sa fejn imbagħad l-ilment imressaq quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet ikun proprju jirrigwarda proprjetà li tintuża għall-formazzjoni tat-triq, il-Qorti jidhrilha opportun li tagħmel riferenza għad-deċiżjoni ***Edwige Testa et vs. Awtorità tal-Artijiet*** (Appell Superjuri, 9 ta' Frar 2023), li kienet proprju titratta appell dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 67, fuq ċitat. Fil-qosor, f'dik id-deċiżjoni ġie ritenut hekk:

> Il-fatt li triq tkun asfaltata, ma jfissirx li dik it-triq tkun okkupata jew amministrata mill-Gvern, li għandha twassal għall-esproprju tagħha, kif isostnu l-appellati, peress li t-titolu tal-art jibqa' tas-sidien tal-art. Huma biss f'dawk iċ-ċirkostanzi mfissra qabel, fejn il-wisa' tat-triq teċċedi l-wisa' maħsuba fil-liġi, li jkun hemm lok għall-esproprju. Huwa dan il-kweżit li jeħtieġ li jiġi ppreċiżat mill-periti membri tal-Bord, sabiex il-Bord ikun jista' mbagħad jiddeċiedi jekk hemmx lok għall-esproprju jew le.

19. F'dan l-istadju l-Qorti trid toqgħod b'seba' għajnejn li ma tmurx lil'hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet li għandha quddiemha, u għalhekk għandha tevita li tippronunzja ruħha dwar il-meritu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Huwa biżżejjed f'dan l-istadju li jingħad li, skont id-deċiżjoni appena ċitata, ir-

rikorrenti jidher li kellhom rimedju miftuħ għalihom sabiex jitolbu kumpens għall-esproprjazzjoni fejn it-triq li ġiet iffurmata fuq ħwejjiġhom għandha wisa' li teċċedi dik maħsuba fil-liġi, u msemmija fl-istess deċiżjoni ċitata, soġġetti għall-osservazzjonijiet l-oħrajn kollha li saru fl-istess deċiżjoni.

20. B'danakollu r-rikorrenti m'humiex qed jilmentaw biss mit-teħid tal-proprjetà tagħhom. Huma qed jilmentaw ukoll minn diskriminazzjoni, għaliex skont huma sidien oħrajn ta' proprjetà biswit tagħhom irċievew kumpens li qed jiġi mċaħħad lilhom.

21. Ma jidhirx li l-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet għandu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi dwar każijiet ta' diskriminazzjoni, anki jekk din tkun imwettqa b'rabta mat-teħid jew mal-użu ta' proprjetà privata. Kemm hu hekk, l-artikolu 58 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern imkien ma jagħti lil dak il-bord xi kompetenza jew ġurisdizzjoni ta' din ix-xorta.

22. Fid-deċiżjoni ***Tonio Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija u Suprintendent Carmelo Bonello*** (Qorti Kostituzzjonali, 5 t'April 1991)[10] ġie ritenut hekk:

> …meta l-oġġett in kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra u oħrajn li m'għandhomx rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni.

23. Imbagħad fid-deċiżjoni ***Philip Spiteri vs. Sammy Meilaq noe*** (Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Marzu 1995)[11] ġie mfisser ukoll li l-proposizzjoni kontenuta f'din id-deċiżjoni tkun aktar perfetta jekk jingħad li tapplika kemm fejn l-oġġett in kawża jkun ta' natura komplessa u kemm fejn ikun ta' natura mħallta.

24. La darba għalhekk l-ilmenti tar-rikorrenti huma ta' natura mħallta, b'mod li wħud minnhom jidher li kellhom rimedju taħt liġi ordinarja u oħrajn ma kellhomx, għandha titqies li tipprevali l-azzjoni kostituzzjonali, u l-Qorti hija fid-dmir li tissokta fis-smigħ tal-kawża.

---

[10] Kollezz. Vol.LXXV.i.106.
[11] Kollezz. Vol.LXXIX.i.33.

25. Dan kollu, naturalment, huwa bla ħsara ta' kull konsiderazzjoni li se ssir aktar 'il quddiem meta l-Qorti tiġi biex tikkonsidra l-ilmenti tar-rikorrenti fil-meritu tagħhom.

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Ministru intimat u tal-Avukat tal-Istat;

(ii) tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata;

(iii) tordna l-prosegwiment tal-kawża;

(iv) tordna li l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jkunu riservati għad-deċiżjoni finali.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur